# BORD LI JIRREGOLA L-QBEJJEL GHALL-GZEJJER TA' GHAWDEX U KEMMNA

**CHAIRMAN MAGISTRAT Dr Paul Coppini LL.D.**

***Seduta ta' nhar il-Erbgha 21 ta' Frar 2001***

RIKORS NUMRU 9/00

L-Avukat Dottor Michael Grech bhala mandatarju ta' l-imsefrin Joseph u Rita konjugi Vella

-vs-

Katerina Portelli

**Ic-Chairman;**

Ra r-rikors li permezz tieghu r-rikorrenti wara li ppremetta illi huwa proprjetarju ta' bicca art fi sqaq Triq Santa Katerina, Xewkija, Ghawdex tal-kejl superfijcali ta' cirka hames mija u tmienja u erbghin metri kwadri (548mk) li tmiss mit-tramuntana in parti ma' beni ta' Mariano Grech, in parti ma' beni ta' Salvu Spiteri u in parti ma' beni ta' Mananni Farrugia, mill-punent in parti ma' sqaq u in parti ma' beni ta' Mariano Grech u in parti ma' beni ta' Ganni Cassar, u minn nofsinhar in parti ma' beni ta' Ganni Cassar u in parti ma' beni ta' Eucharistica u Marigwann Grech.

Illi din l-art hija mqabbla ghand l-intimata bil-qbiela ta' hames liri Maltin (Lm5) fis-sena, pagabbli kull hmistax (15) ta' Awissu ta' kull sena b'lura.

Illi l-esponenti jinhtiegu din l-art ghal skopijiet ta' zvilupp u effettivament gia ottjenew dwar l-istess art, permess validu tal-bini, li jgib ir-referenza PA4362/98/DC01.

Talab li dan il-Bord joghgbu previa l-likwidazzjoni u hlas ta' kull kumpens dovut skond il-Ligi lill-intimata, jawtorizzah sabiex fl-iskadenza li jmiss, huwa ma jgeddidx din il-kirja u jirriprendi l-pussess ta' l-art imsemmija.

Ra r-riferta posittiva ta' l-intimata Katerina Portelli li giet notifikata b'dan ir-rikors fl-4 ta' Jannar ta' din is-sena. L-istess intimata naqset li tattendi

ghas-smiegh ta' din il-kawza li kienet giet appuntata ghal-lum u lanqas ipprezentat ebda risposta.

Ic-Chairman;

Ghalhekk jiddeciedi r-rikors billi jilqa' t-talba tar-rikorrenti u jawtorizzah jirriprendi l-pussess tar-raba' indikata fir-rikors b'effett mill-15 ta' Awissu ta' din is-sena u ghall-fini tal-kumpens li jista' jkun dovut lill-intimata jinnomina lill-AIC Renato Laferla u lis-Sur Anthony Mifsud.

L-ispejjez ta' dan ir-rikors ghandhom jigu ssopportati mill-intimata hlief ghal dawk li jirrigwardaw lill-esperti nominati mill-Qorti li ghandhom jigu sopportati mir-rikorrenti stess.

(Ft.) Paul Coppini
Magistrat

(ft.) Maureen Xuereb
D/Registratur

Vera kopja

Ghar-Registratur